Dipartiment
tax-Xogħlijiet Pubbliċi

# Fuq il-Lant

Ħarġa Nru 4 - Lulju 2022




## Il-Bandli fid-Daħla tal-Imdina

Dawn il-bandli jinsabu f'post sabiħ immens, fil-linja ta' ġonna magħrufa bħala Howard Gardens fir-Rabat. Barra minn hekk, qegħdin fi sfond storiku tal-aktar importanza – is-swar u d-daħla prinċipali tal-Belt Nobbli tal-Imdina. Huma sinonimi ma' ħafna familji Maltin fejn xi darba jew oħra żgur żaru dan il-post sabiħ u ta' rilassament għall-familja kollha.

Iżda dan l-aħħar inħasset il-ħtieġa li jiġu rinnovati. Il-bandli l-antiki nqalgħu u flokhom ser jitwaħħlu oħrajn ġodda li jkunu aktar siguri u attraenti. Saret bażi tal-konkos li fuqha ser jitqiegħed wiċċ sigur (safety rubber). F'partijiet oħra ser jitqiegħed pavimentar magħmul mill-ġebel tal-qawwi lokali li ser ikun jinkludi d-disinn tas-salib bit-tmien ponot li jikkomplementa l-ambjent storiku tal-madwar. Ser tiġi installata għamara ta' barra ġdida kif ukoll sistema ta' dawl ġdida li hija effiċjenti fil-konsum.

Dan il-proġett mistenni li jkun lest fil-ġimgħat li ġejjin.

COMMUNICATIONS UNIT
DIPARTIMENT TAX- XOGĦLIJIET PUBBLIĊI

2292 2292
info.pwd@gov.mt
publicworks.gov.mt
Public Works Department Malta

# Il-Latrina fil-bidu ta’ Birżebbuġa



Din il-latrina ġiet rinnovata kompletament, sew minn ġewwa kif ukoll minn barra. Saru installazzjonijiet ġodda tal-elettriku u tal-plumbing. Inbidel il-madum kollu, u twaħħlu diviżorji ġodda u suffetti moderni. Twaħħlu wkoll toilets, sinkijiet u mirja ġodda bl-aċċessorji kollha neċessarji.

Ix-xogħol kollu sar mill-ħaddiema tad-Direttorat għall-Implimentazzjoni tal-Proġetti u mid-Direttorat għall-Manifattura u s-Servizzi.
Żgur li l-pubbliku ser japprezza ferm ix-xogħol ta’ dawn il-ħaddiema u l-investiment li sar mid-Dipartiment tax-Xogħlijiet Pubbliċi.



# Il-Klabb tal-Boċċi ta’ Ħal Tarxien



**Bħalissa qed jiġi rinnovat il-Klabb tal-Boċċi ta’ Ħal Tarxien. Il-wiċċ tal-pitch sar mill-gdid billi tqiegħed, tballat u ġie invellat ramel ġdid, filwaqt li twaħħlu siġġijiet ġodda u moderni għall-ispettaturi.**

**Il-parti ta’ fuq barra tal-klabb ġiet miżbugħa, filwaqt li fil-parkeġġ ta’ biswit sar invellar tal-art. Ix-xogħol kollu sar mill-ħaddiema tad-Direttorat għall-Implimentazzjoni tal-Proġetti.**

# Il-Mitħna tax-Xarolla fiż-Żurrieq



Il-mitħna tax-Xarolla hi bini prominenti fir-raħal taż-Żurrieq. Inbniet fl-1724 u hija waħda mit-tmien imtieħen tal-Fondazzjoni Manoel li kienu nbnew mill-Gran Mastru Antonio Manoel de Vilhena. Inbniet fuq art li kienet propjetà tal-istess Ordni ta' San Ġwann magħrufa bħala Tax-Xarolla. Proprju għalhekk, din il-mitħna ħadet isimha mis-sit li nbniet fuqu.

Wara maltempata qawwija f'Marzu li għadda, il-Mitħna tax-Xarolla sofriet ħsarat estensivi, tant li tkissret l-infrastruttura kollha tal-injam. Il-Ministeru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar ħa r-responsabbiltà li jsewwi dawn il-ħsarat li saru.

Ser isiru mill-ġdid is-sitt arbli li huma magħrufa bħala l-antarjoli. Dawn l-antarjoli ta' tletin pied-il wieħed ser jinbidlu ma' oħrajn ġodda. Is-sitt lanterni wkoll ser isiru kollha mill-ġdid. Dawn il-lanterni jiffurmaw il-qafas li jżommu l-qlugħ tad-drapp. Il-lanterni ser jinħadmu mill-ħaddiema tad-Direttorat tal-Manifattura u s-Servizzi. It-travu tan-nofs, li huwa magħruf bħala l-pastaż, ukoll ser jissewwa, filwaqt li ser jinbidlu l-ventijiet kollha. Ix-xogħol mistenni jkun lest lejn l-aħħar ta' dan is-sajf.

## Villa Francia f'Ħal Lija



Din il-villa nbniet f'nofs is-seklu tmintax bl-iskop li sservi ta' loġġa għal waqt il-kaċċa. Tul is-snin saru diversi alterazzjonijiet u interventi inkluż il-bini ta' sular ġdid. Hija magħrufa bħala Villa Francia minħabba li l-aħħar sid tagħha kienet il-familja Francia, li kienet imħallta mal-Prim Ministru, Sir Ugo Mifsud, li għex fiha fis-snin għoxrin u tletin tas-seklu l-ieħor. Fl-1987, il-familja Francia għaddiet din il-proprjetà lill-Gvern Malti fejn illum isservi bħala r-residenza uffiċjali tal-Prim Ministru ta' Malta.

Id-Dipartiment tax-Xogħlijiet Pubbliċi għadu kif lesta xogħol ta' restawr fuq wieħed mill-kurituri prinċipali li kien fi stat ħażin ħafna. Tneħħa materjal inferjuri li kien inġema' mal-ħitan matul is-snin u ġew applikati materjali apposta biex tiġi mtaffija u megħluba l-problema tal-umdità. Dawn il-materjali moderni huma fuq bażi ta' ġir, u l-kuluri ġew imqabbla biex ikunu fidili lejn l-oriġinali.

Grazzi lill-ħaddiema tagħna ta' dan ix-xogħol professjonali li għamlu.

## Intervista mal-Perit Ray Farrugia



### X'wasslek biex tagħżel il-Professjoni ta' Perit, u kemm ilu li lħaqt perit?

Meta kont qed naghmel l-'A' Levels kelli għażla ta' żewġ korsijiet, Inġinerija jew Arkitettura. Dak iż-żmien dehrli li dan tal-aħħar kien kors aktar attreanti. Għalhekk sirt Perit fl-1982.

### X'ħajrek biex tidħol taħdem mad-Dipartiment tax-Xogħlijiet Pubbliċi?

Naħseb li kienu ċ-ċirkostanzi li wassluni naħdem ma' dan id-Dipartiment. Bdejt l-kors tiegħi fl-Università fl-1976. Dħalt l-ewwel darba f'dan id-Dipartiment fl-1978, li kien diġà ġewwa Belt Is-Sebħ. Din kienet l-ewwel fażi tax-xogħol tiegħi bħala Student-Ħaddiem. Ilni minn dak iż-żmien sal-lum naqdi dmirijiet varji f'dan id-Dipartiment. Din is-sena ser nagħlaq 44 sena minn meta rfist l-ewwel darba fl-ufficini tad-Dipartiment f'Belt Is-Sebħ.

### F'hiex kien jikkonsisti x-xogħol li kellek dak iż-żmien? Kellek xi proġetti partikolari li bqajt tiftakar?

Is-sabiħ tax-xogħol tagħna hu li xogħolna hu varjat kemm fit-tip ta' ħidma kif ukoll fil-proġetti li nwettqu. Barra minn hekk, ikollok l-attrazzjoni tal-opportunità li taħdem fi project teams ma' tant professjonisti, tekniċi u ħaddiema industrjali oħrajn. Fost il-proġetti li niftakar li tajt sehmi fit-twettiq tagħhom, insemmi l-bini ta' żewġ estensjonijiet fil-Power Station tal-Marsa, il-bini tat-Terminal il-Ġdid tal-Ajruport Internazzjonali fil-Gudja u l-Kumpless Sportiv tal-Cottonera. Barra minn hekk, kien hemm it-tisbiħ ta' diversi promenades f'żoni turistiċi f'diversi lokalitajiet f'Malta, flimkien ma' tisbiħ u bini ta' diversi ġonna u pjazez pubbliċi. Ma nixtieqx ninsa l-proġett tal-pavimentar tal-Imdina u dak ta' Strada Merkanti, fil-Belt Valletta fost l-oħrajn.

### Wara dan iż-żmien kollu kif tqabbel il-perit ta' dak iż-zmien ma' tal-lum?

Kien hemm tibdil kbir fil-funzjoni u l-metodi tal-ħidma tal-perit tul dawn is-snin. Meta bdejna aħna ma kinux jeżistu kompjuters u t-teknoloġija tal-informatika li għandna llum. Id-disinji tal-proġetti kienu jsiru bl-idejn fuq id-drawing boards. Kuntrarju għal-lum li nagħmlu użu minn software packages li jintużaw biex jitħejjew id-disinji, pjanti u preżentazzjoni artistiċi tal-proġetti. Naħseb ukoll li fil-passat, il-perit tal-PWD kien mistenni minnu li jqatta' aktar ħin fuq is-sit tax-xogħol waqt l-eżekuzzjoni tal-proġetti li konna nwettqu. Maż-żmien daħlu rekwiżiti ġodda fuqna, bħal pereżempju l-ħtieġa li l-proġetti tagħna jkunu koperti bil-permessi tal-MEPA, u aktar ricenti tal-PA. Insemmi wkoll l-importanza xierqa li beda jingħata l-aspett ta' Occupational Health and Safety fit-twettiq tal-proġetti tagħna biex jiġi żgurat il-ħarsien tas-saħħa u s-sigurtà ta' kull min ikun involut fuq il-lantijiet tax-xogħol.

### Inti okkupajt pożizzjonijiet importanti f'dan i-Dipartiment, tista' tirrakonta ftit mill-esperjenza tiegħek?

Meta l-Gvern tal-ġurnata, fl-1992, kien nieda r-riforma fis-servizz pubbliku, il-proċess ta' riforma kien inbeda appuntu fil-PWD. F'Awwissu ta' dik is-sena, jien kont inħtart Direttur tad-Dipartiment tad-Distretti, taħt it-tmexxija tal-ewwel Direttur Ġenerali tat-Taqsima tax-Xogħlijiet, il-Perit Vincent Cassar, flimkien ma' numru ta' Diretturi sħabi ġodda. Fl-1995 ingħatajt il-kariga ta' Direttur tal-Building and Engineering Department, u fl-2003 inħtart bħala Direttur Ġenerali tad-Dipartiment tax-Xogħlijiet. Domt nokkupa din il-kariga għal ħmistax-il sena, sal-2018.

### Jekk ikollok tbiddel xi ħaġa f'dan id-Dipartiment, xi tbiddel?

Aktar milli nbiddel xi ħaġa fid-Dipartiment, xtaqt nagħmel suġġeriment. Żvilupp pożittiv seħħ riċenti meta erġajna rajna numru zgħir ta' ħaddiema industrijali jingħaqdu mad-Dipartiment wara tant snin fejn ir-reklutaġġ ta' dawn il-ħaddiema ma kienx qed isir. Forsi issa wieħed jaħseb biex jerġa' jintroduċi xi forma ta' apprendistat fis-snajja' tal-bini biex id-Dipartiment ikollu mill-ġdid nies tas-sengħa ħalli t-tradizzjoni li l-PWD dejjem kellu nies kapaċi fis-sengħa tal-bini ma tintilifx.




